MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 111

29 ta' April 2019

Minuti tas-seduta Nru. 111 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 29 ta' April 2019 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier P. Cutajar.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 110 tat-8 ta' April 2019 ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Rikostruzzjoni ta' Triq il-Marfa (T/5/3)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u qal li permezz ta' imejl datat 28 ta' April 2019 huwa lmenta mal-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta dwar il-fatt li x-xogħol fuq Triq il-Marfa waqa' lura kawża ta' nuqqas ta' ħaddiema fuq il-lant. Dan se jtawwal l-inkonvenjent għar-residenti fiż-żoni tas-Sellum u Ta' Gerbulin, kif ukoll ser jinvolvi aktar spejjeż għall-Kunsill fir-rigward tal-*minibus shuttle service* li qed jipprovdi. Is-Sur J. Buttigieg qal li permezz ta' imejl datat 28 ta' April 2019, huwa għarraf lill-Kap Eżekuttiv ta' Infrastructure Malta li s-servizz tax-*shuttle* ser jitwaqqaf fil-15 ta' Mejju 2019.

2.1.3. Is-Segretarju għarraf li l-ordni oriġinali għas-servizz tal-*minibus shuttle* kienet mill-1 sal 21 ta' April, bi spiża ta' €12,638. Minħabba li x-xogħol baqa' għaddej, il-kuntrattur li qed

jipprovdi s-servizz intalab estensjoni sal-15 ta' Mejju 2019. Sa dik id-data l-ispiża tammonta għall-€27,081.

2.1.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li bħala parti mix-xogħlijiet ta' Triq il-Marfa, Infratructure Malta ntlabu jinkudu l-kisi mill-ġdid ta' Dawret it-Tunnara, bejn Triq il-Marfa u Triq is-Sajjieda, u l-parti li tagħlaq ta' Triq it-Trill. It-talba ġiet milqugħa.

2.1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar jekk kienx hemm żviluppi dwar il-bdil tal-*main* tal-ilma fi Triq il-Marfa. Is-Sindku wieġeb li Infrastructure Malta baqgħu issostnu li mhux kompitu tagħhom li jiffinanzjaw infrastruttura tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

2.1.6. Il-Kunsill approva l-estensjoni tas-servizz fid-dawl taċ-ċirkostanzi li nqalgħu.

**2.2.1. Iddisinjar u stampar ta' kotba "Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien / *Mellieħa Through the Tides of Time*" (P/4/5/Vol III)**

**2.2.2.** Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.14.1. tas-seduta ta' qabel u aċċennat għall-fatt li l-ktieb imsemmi ma kienx lest fl-okkażjoni ta' Jum il-Ktieb fid-29 ta' April 2019 u għalhekk ipproponiet li t-tnedija tiegħu ssir fis-7 ta' Mejju.

**2.2.3.** Is-Sindku qal li din id-data hija qrib wisq kemm biex isiru t-tħejjijiet meħtieġa, kif ukoll sabiex jiġi żgurat li x-xogħol fuq il-kotba jkun lest kollu. Huwa qal li jrid jiġi stabbilit ir-rikonoxximent li għandu jingħata lill-awturi u l-editur.

**2.2.4.** Il-Kunsill iddeċieda li din it-tnedija tal-kotba ssir fis-16 ta' Mejju 2019 f'waħda mil-lukanda tal-Mellieħa.

**2.3.1. Użu tas-Sala tal-Kunsill (K/1/3/Vol II)**

2.3.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 5.8.1. tas-seduta ta' qabel u sostna li l-Kunsill għandu jbiddel il-*policy* tiegħu li ma jħallix il-faċilitajiet tiegħu jintużaw għal inizjattivi edukattivi li jittieħdu fuq bażi personali, jew kummerċjali. Huwa qal li fil-fatt isir hekk minn entitajiet pubbliċi oħra, fejn isir użu minn faċilitajiet li jappartienu lilhom bl-involviment tal-privat, fejn ma jintalbux flus għal tali servizzi.

2.3.1. Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni li l-aspett tal-ħlas kien fattur illi ma ngħatax daqshekk importanza meta tqajjem is-suġġett l-ewwel darba, u għalhekk iddeċieda li fil-każ tat-taħditiet mill-i*speech therapist* in kwistjoni, jistgħu jsiru.

**2.4.1. *World Dance Day* (S/6/Vol IV)**

2.4.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.22.1. tas-seduta ta' qabel u kkummenta li għall-attività tat-28 ta' April 2019, li seħħet f'Misraħ il-Parroċċa, kien hemm konkorrenza tajba mill-pubbliku li apprezza l-ispettaklu li offrew iż-żeffiena tal-iskola Artemotion. Huwa qal ukoll li għal din l-attività ttendew il-Kunsillieri J. Attard u A. Brincat Stellini.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.5.1. Korsijiet fil-*food handling* (A/8/3)**

2.5.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 5.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-korsijiet imsemmija, li qed jiġu organizzati mill-Foundation for Social Welfare Services, ser jibdew fil-11 u t-18 ta' Mejju 2019. Dawn kienu eżawriti f'dik li hija attendenza u għalhekk ser isir kors ieħor li jibda fl-1 ta' Ġunju 2019.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Taħditiet dwar il-prevenzjoni tas-suwiċidju (E/1/3/Vol IV)**

2.6.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 2.7.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li saret taħdita fit-23 ta' April 2019 fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum u kienet titratta is-solitudini fost l-anzjani. Huwa kompla jgħid li t-taħdita ngħatat b'mod professjonali ħafna u kienet tappella ħafna għall-anzjani li faċilment jispiċċaw f'din is-sitwazzjoni.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Strateġija u pjan ta' azzjoni lejn ugwaljanza LGBTIQ (U/2)

2.7.2. Il-Kunsillier J. Attard aċċenna għall-minuta 5.11.1. tas-seduta ta' qabel u qal li huwa kompla l-kuntatti mad Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni. Id-Direttorat qed iħajjar lill-Kunsilli Lokali sabiex jiffirmaw trattat (*charter*) bil-għan li jkunu aktar riċettiv għall-komunità LGBTIQ. Waħda mill-miżuri fil-pjan ta' azzjoni f'din id-direzzjoni huwa li ssir sessjoni ta' taħriġ għall-impjegati fl-istess Kunsilli Lokali sabiex jinħoloq aktar għarfien anke f'dan il-livell. L-intenzjoni hija li l-entità li tottjeni dan l-għarfien tingħata ċertifikazzjoni li tinwera permezz ta' plakka li teħel mal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill. Għan ieħor tad-Direttorat huwa li l-Kunsill jieħu sehem fl-organizzazzjoni tal-*Gay Pride Week* li tkun bejn it-13 u l-15 ta' Settembru 2019.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Arblu tal-Enemalta fi Triq Ħabb il-Qamħ k/m Trejqet il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa (E/1/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsillier J. Attard ilmenta li l-arblu in kwistjoni qed jagħmilha diffiċli li vettura ddur minn Trejqet il-Kamp ta' Għajn Tuffieħa għal Triq Ħabb il-Qamħ.

3.1.3. Is-Sindku wieġeb li l-arblu nħareġ 'il barra sabiex ma jiġix wisq qrib il-gallariji tal-appartamenti. Minkejja dan, l-uffiċċju distrettwali tal-Enemalta ntalab jara x'jista' isir fiċ-ċirkostanzi.

3.1.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 3.2.1. Sistema tad-Drenaġġ f'Santa Marija Estate (D/1/Vol II)

3.2.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-punt li huwa kien qajjem dwar is-suġġett t'hawn fuq fis-Seduta 103 tat-13 ta' Novembru 2018. Huwa tenna l-ħtieġa li l-Kunsill ikompli jiġbed l-attenzjoni dwar il-volum kbir li s-sistema tad-drenaġġ f'Santa Marija Estate mhux iddisinjata għaliħ. L-effett ta' dan qed ikun il-ħruġ ta' drenaġġ mit-tappieri li hemm fix-Xatt ta' Santa Marija, anke meta ma tagħmilx xita.

3.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma għal dan il-fattur.

### 4.3.1. Armar ta' krejnijiet fi Triq iż-Żebbuġ (A/6/3/1 Vol 127)

4.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar il-*policy* tal-Kunsill rigward l-armar ta' krejnijiet f'toroq li ma jinfduwx, bħalma hija Triq iż-Żebbuġ. Huwa qal f'każ partikulari anke l-aċċess pedonali ma' kienx possibbli f'din it-triq.

4.3.3. Il-Segretarju wieġeb li fejn ikun jinvolvi l-ħtieġa li tingħalaq triq li ma tinfidx, il-perjodu massimu li jingħata jkun bejn id-9.00am u l-5.00pm, filwaqt li l-aċċess pedonali għandu jibqa' dejjem possibbli.

4.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li fil-ħruġ ta' dawn il-permessi għandu jitħalla aċċess pedonali, anke billi jsir użu ta' krejnijiet żgħar.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 26/04/19;
- Skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* – 16/03/19 – 08/04/19;
- Skeda ta' Pagamenti – 06/04/19 – 26/04/19;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Titjib fis-Sala Prof. Godfrey Wettinger u librerija għall-edukaturi (S/3/7/Vol IV)

5.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferit għall-imejl mibgħut mill-Kap tal-Iskola Primarja fejn appellat għall-għajnuna tal-Kunsill sabiex tinbidel l-inforra tal-purtieri li hemm fuq naħa waħda tas-sala msemmija li tintuża wkoll mill-komunità Mellieħija. Appellat ukoll sabiex il-Kunsill jgħin wkoll fix-xiri ta' għamara għall-Librerija tal-Edukaturi fl-istess skola.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi, kif sar fil-passat.

### 5.2.1. Inċidenti fi Triq il-Marfa (D/5/Vol II)

5.2.1. Saret referenza għal talba għad-danni kkawżati fuq vettura MCS 102 wara nċident fi Triq il-Marfa fid-29 ta' Marzu 2019. Ġie ppreżentat rapport tal-Pulizija li kien mehmuż mat-talba. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li saru verifiki fuq il-post u saru t-tiswijiet meħtieġa minnufih.

5.2.2. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.3.1. Restawr tal-Knisja l-Qadima tal-Manikata (R/2/Vol II)

5.3.2. Is-Segretarju għarraf li permezz ta' imejl datat 26 ta' April 2019, id-Direttorat tar-Restawr għadda t-test ta' ftehim li jeħtieġ isir bejn il-Kunsill u l-istess Direttorat. Dan jipprovdi li:

- L-obbligu tad-Direttorat huwa li jwettaq ix-xogħlijiet marbuta mar-restawr u konsolidazzjoni tal-binja tal-knisja, filwaqt li xogħlijiet oħra jrid ikoprihom il-Kunsill;
- Spejjeż marbuta ma' permessi u monitoraġġ ikunu a karigu tal-Kunsill;
- Il-Kunsill ikun responsabbli f'dak li jirrigwarda l-implementazzjoni tax-xogħlijiet permezz tal-Iskma dwar ir-Restawr, minkejja li l-binja hija proprjetà tal-Kurja; u
- Il-Kunsill ikun obbligat li jżomm il-knisja fi stat tajjeb ta' manutenzjoni skont il-metodu stabbilit mid-Direttorat għal perjodu ta' għaxar snin.

5.3.3. Il-Kunsill ra t-test tal-ftehim u awtorizza l-iffirmar tiegħu.

### 5.4.1. Ħtiġijiet fin-Noah's Ark Animal Sanctuary (S/6/Vol IV)

5.4.2. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' April 2019, fejn l-organizzazzjoni mhux governattiva msemmija appellat lill-Kunsill sabiex jgħin fil-bdil ta' gaġġeġ li fihom jitpoġġew il-klieb. Saret stedina lill-membri tal-Kunsill għal *open day* li ser issir fis-Santwarju fis-26 ta' Mejju 2019.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi bħala rikonoxximent għas-servizz siewi li qed jingħata minn din l-organizzazzjoni, sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaqbisx €800 fuq medda ta' tnax-il xahar.

### 5.5.1. *Tower Krejn* fi Triq is-Saghtar (A/6/3/1 Vol 127)

5.5.2. Is-Segretarju rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fuq dan is-suġġett fis-Seduta 108 tal-20 ta' Marzu 2019. Huwa għarraf li Transport Malta ġibdu l-attenzjoni illi krejn ser jesporġi ħafna fit-triq, u għalhekk qed jinsistu li Triq is-Saghtar temporanjament issir *one-way*.

5.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandhom jitwaħħlu tabelli "*No Entry*" fi Triq is-Saghtar kantuniera ma' Wesgħat in-Narċis.

### 5.6.1. Servizz ta' Trasport għall-Anzjani li jattendu ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (A/1/2/Vol VII)

5.6.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta 108 tal-20 ta' Marzu 2019. Huwa qal li, sakemm il-kuntrattur li jipprovdi s-servizz jaslulu l-*minibuses* mgħammra bil-bibien awtomatiċi, ingħataw struzzjonijiet lix-xufiera sabiex jassistu huma lill-anzjani sabiex tinfetaħ u tingħalaq il-bieba tal-vettura.

5.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.7.1. Inizjattiva b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta - Skema għall-anzjani (A/1/1/Vol II)

5.7.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-Ċirkulari AKL 2019/03 tat-12 ta' April 2019, li permezz tiegħu l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għarrfet li għaddejja b'kuntatti ma' Heritage Malta, biex il-Kunsilli jiffaċilitaw it-tħaddim ta' inizjattiva li tinvolvi l-ħruġ tal-Passaport għal Siti Storiċi għall-Anzjani. Ġie spjegat li l-kunċett huwa wieħed simili għall-Passaport tal-istudenti. Heritage Malta ser tkun qed toffri b'xejn u bla limitu aċċess għal dħul f'mużewiet u siti storiċi għal kull anzjan li jkun jixtieq jissieħeb fl-iskema. L-anzjani jistgħu jkunu akkumpanjati minn żewġ żgħażagħ li huma wkoll ikunu jistgħu jidħlu mingħajr ħlas.

5.7.3. L-Assoċjazzjoni qed titlob lil kull Kunsill Lokali biex jippromovi din l-iskema mar-residenti anzjani tal-lokal rispettiv u billi joffrihom l-faċilità li jirreġistraw għal dan il-benefiċċju minn ġewwa l-Kunsill Lokali tagħhom stess. Il-Kunsilli li ser ikunu qed jipparteċipaw f' din l-iskema ser jiġu mistiedna għall-iffirmar tal-ftehim ma' Heritage Malta.

5.7.4. Is-Segretarju qal illi diġa ntwera interess ma' l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar din l-inizjattiva, billi d-data tal-għeluq kienet tiġi qabel id-data ta' din is-seduta.

5.7.5. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

### 5.8.1. Għarfien dwar l-attakki tal-qalb (K/1/3/Vol II)

5.8.2. Il-Kunsillier J. Attard irrefera għal imejl datat 26 ta' April 2019, fejn id-Dipartiment tal-Kardjoloġija fl-Isptar Mater Dei għarraf li bejn 6 u 11 ta' Mejju 2019 ser ikun qed itellgħa il-Ġimgħa tal-Għarfien dwar l-Attakki tal-Qalb (*Heart Failure Awareness Week*), flimkien mal-European Society of Cardiology u l-manifattur tal-mediċini Novartis. Hija l-intenzjoni li jsiru tliet taħditiet, b'waħda minnhom issir fil-Mellieħa.

5.8.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li din it-taħdita ssir fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-anzjani u għalhekk għandu jsir kuntatt mad-diriġenti tal-istess ċentru sabiex isir magħruf jekk huwiex possibbli minn naħa tagħhom.

### 5.9.1. Ħarġa kulturali u Jum l-Omm (A/5/5/Vol VII)

5.9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini fakkret illi l-ħarġa li jmiss ser issir fis-16 ta' Mejju 2019 ħa tkun abbinata ma' Jum l-Omm. Din ser issir f'Villa Bologna f'Attard. Min jattendi ser jintalab ħlas ta €10. Hija pproponiet li t-trasport jipprovdiħ il-Kunsill.

5.9.3. Is-Sinjura Brincat Stellini issuġġeriet ukoll li fil-11 ta' Mejju 2019 issir attività għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fit-3.30pm, li tkun tinkludi divertiment u l-għoti ta' fjura lill-ommijiet preżenti.

5.9.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 5.10.1. Attivitajiet kulturali matul is-Sajf 2019
**(A/5/5/Vol IV)(A/5/3/5/Vol V)(A/5/3/1/Vol XVI)**

5.10.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li t-tħejjijiet għall-attivitajiet bħala huma l-Arti fil-Misraħ, Jum il-Kunsill, u l-Iljieli Melleħin ikomplu għaddejjin, minkejja li l-elezzjoni tal-Kunsill jaħbtu fil-25 ta' Mejju 2019. Ir-raġuni għal dan hija li ċerti mpenji wieħed irid jidħol għalihom minn kmieni biex jottjeni s-servizzi meħtieġa.

5.10.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

## 5.11.1. Ambaxxaturi tal-Qari u Jum il-Ktieb **(A/5/3/Vol XII)**

5.11.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet illi l-attività li saret fit-29 ta' April 2019 fl-Iskola Primarja kienet tinvolvi t-tfal ta' *Kinder* 1, u *Years* 1 u 6. Il-kontributuri kienu l-Ambaxxaturi tal-Qari mill-Aġenzija tal-Literiżmu s-Sinjuri Carmel Busuttil, Gilbert Agius, Toni Attard, Antonia Micallef, kif ukoll awtrici Melleħija Antoinette Borg. It-tfal ta' Kinder 1 u Year 1 ġew ippreżentati il-ktieb "Ġiġi" ta' Trevor Zahra, filwaqt li dawk ta' Year 2 ingħataw kartolina "Il-Mellieħa Komunità Waħda, Qalb Waħda". It-tfal ta' Year 6 ġew ippreżentati l-ktieb "Anima" ta' Antoinette Borg.

5.11.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.12.1. *EDEN Innovation Prize* **(T/12/2/Vol II)**

5.12.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-konferenza tal-EDEN Network li hija attendiet f'Piatra Neamț fir-Rumanija bejn l-10 u t-12 ta' April 2019. Hija qalet li s-suġġett ewlieni li ġie diskuss kien l-introduzzjoni ta' indikaturi dwar is-sostenibilità fil-qasam turistiku. Hija qalet li kien hemm in-nuqqas ta' rappreżentant mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 6.1. PA 5909/17 – Żvilupp ta' art konfinanti minn Triq Ħalq iċ-Ċawl; Triq il-Fortizza; u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi **(P/5/8/Z)**

6.2. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mal-konsulenti mqabbda sabiex jitħejjew is-sottomissjonijiet li għandhom jsiru quddiem il-Tribunal tar-Reviżjoni ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li tħallas dritt ta' €3,550 lit-tribunal sabiex ikunu jistgħu jinbdew il-proċeduri.

6.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u approva *virement* ta' €10,000 mill-vot (7527) allokat lill-proġett ta' Ġnien Pubbliku fi Triq l-Etna/Triq Mons. F. Xuereb/Triq l-Għasel sabiex jagħmel tajjeb għaż-żieda prevista fl-infieq fuq Servizzi Legali (3140) b'rabta mal-appell in kwistjoni.

## 7.1. PA 11231/18 – Titjib fil-parkeġġi tal-Għadira **(P/5/8/G)**

7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 5.7.1. tas-seduta ta' qabel u qal li fil-laqgħa li saret ma' uffiċjali minn Project Malta Ltd fil-11 ta' April 2019. Għan naħa tal-Kunsill, flimkien mas-Sur J. Buttigieg attendew il-Kunsillieri E. Bartolo u J. Gauci. Fil-laqgħa ġew spjegati l-intenzjonijiet tal-Gvern Ċentrali. Dan jinvolvi konsolidazzjoni tal-użu attwali tal-art billi jinbnew ħitan, asfaltar mill-ġdid tal-parkeġġ li hemm biswit Triq il-Marfa, kif ukoll asfaltar għall-ewwel darba tat-tliet parkeġġ li hemm aktar 'l ġewwa. Dan ser jipprovdi spażju għall-326 vettura privata u *caravans*.

7.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jirrejazzġixxi għal din l-applikazzjoni fl-ispirtu tal-*Byelaws* 37/02/2017, fis-sens li:

(a) Għandhom jiġu permessi biss *campers* li n-numru tagħhom ma jkunx iktar minn ħdax skont kif indikat fil-pjanta mogħtija; u

(b) *Caravans* illi jirrikjedu vettura biex jittieħdu minn post għall'ieħor, għandhom jiġu pprojbiti.

7.4. Il-Kunsill kien tal-fehma illi kemm-il darba ma jittieħdux in konsiderazzjoni l-fatturi msemmija, l-iskop tal-parkeġġ jintilef għaliex il-post jinbidel kollu f'*caravan site* wżata tul il-perjodu tas-sajf kollu.

**8.1. Sottomissjoni ta' talba għall-finanzjament ta' xogħlijiet fix-Xagħra tat-Tunnara permezz tal-Miżura 4.4 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (P/10/33)**

8.2. Is-Segretarju għarraf illi wara l-laqgħa li saret mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral li saret fil-21 ta' Marzu 2019 beda x-xogħol fuq it-tħejjija ta' applikazzjoni għall-finanzjament fuq żewġ proġetti li jinvolvu t-tieni fażi tar-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ matul il-Telgħa ta' Selmun, kif ukoll bini ta' ħajt tas-sejjieħ madwar ix-Xagħra tat-Tunnara u rijabilitazzjoni tal-istess xagħra. Minħabba *capping* ta' €150,000, l-ewwel proposta kellha titwarrab sabiex il-finanzjament jiġi dedikat kollu lix-Xagħra tat-Tunnara. Il-proġett kollu huwa stmat €54,457.

8.3. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet u qabel li l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa fuq dawn il-linji.

**9.1. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2019 – Restawr u konservazzjoni ta' ħajt tas-sejjieħ fit-Telgħa ta' Selmun (P/10/27)**

9.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għalqet fis-16 t' April 2019 u r-rispons għaliha kien kif ġej:

| **Offerent** | **Prezz** |
|---|---|
| All Buildings Ltd | €20,957.26 |

9.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li ntalab rapport tekniku mill-perit konċernat u l-Kumitat ta' Evalwazzjoni iltaqa fis-26 ta' April 2019 biex jara s-sottomissjonijiet li saru.

9.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li qed tittieħed.

**10.1. Aġġustament fl-Istqarrijiet Finanzjarji 2018 wara l-verifika (F/1/2/Vol VIII)**

10.2. Is-Segretarju ressaq abbozz tad-dokument imsemmi u spjega li kien hemm aġġustament minimu li jinvolvi żieda fl-*Accrued Income*, li rriżulta minn pagament li sar direttament mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali lill-Wasterserv b'rabta mat-*tipping fees*. Din it-tip ta' tranżazzjoni tiġi reġistrata fil-kotba bħala dħul għall-Kunsill.

10.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rrimarkat illi fid-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta 107 tat-22 ta' Frar 2019, meta sar aċċenn għad-defiċit li deher fl-istqarrijiet finanzjarji. Hija qalet li dakinhar ma saritx referenza għall-i*Statement of Changes in Equity*, fejn jidher tnaqqis fir-*Retain Funds*, iżda minkejja dan jidher li l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill baqgħet waħda b'saħħitha.

10.4. Is-Segretarju tenna li d-defiċit jirriżulta mit-twettieq tad-Direttiva 1/2017, li tinvolvi eżerċizzju ta' kontabilità li jsir darba, liema eżerċizzju kien mitlub jagħlu kull kunsill lokali. Dan il-fattur ma jaffettwax il-*working capital*, apparti l-fatt li l- indikatur finanzjarju għall-2018 għalaq fil-livell ta' 'il fuq minn 65%, meta dak tas-sena preċedenti kien ftit iktar minn 35%.

10.5. Skont kif provdut fl-Artiklu 12 (i) u (p) tal-Ordnijiet Permanenti, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

*"Billi l-udituri talbu li jsiru aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2018 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta Nru. 107 tat-22 ta' Frar 2019; u*

*Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2018 oriġinali, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*

10.4. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-Kunsillieri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Gauci.

## 11.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

11.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 26 ta' April 2019.

11.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

11.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-6 u s-26 ta' April 2019.

11.5. Tressqet wkoll b'mod separat, skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* illi sar bejn is-16 ta' Marzu u t-8 ta' April 2019.

11.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fiż-żewġ' skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fid-9.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 20 ta' Mejju fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**